

Brussell, 31 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9983/23

SOC 412
EMPL 288

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema Ħatra tas-Sur Santiago CUERVO ESCOBAR, membru għall-Ġermanja, minflok is-Sur Nicolas KELLER, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Nicolas KELLER bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għall-Ġermanja)
2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema f' idan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Ġermanja nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024¹:

Is-Sur Santiago CUERVO ESCOBAR
Bundesvereinigung der Deutschen Arbeitgeberverbände
Abteilung Arbeitsmarkt / Suq tax-xogħol
Breite Straße 29
DE-10178 Berlin
Tel.: + 4930/2033-1409
indirizz elettroniku: s.curvo-escobar@arbeitgeber.de

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni², u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-20 ta' Settembru 2022³, il-25 ta' Ottubru 2022⁴, l-14 ta' Frar 2023⁵ u l-21 ta' Marzu 2023⁶, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perjodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Nicolas KELLER, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) Il-Gvern tal-Ġermanja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

³ ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5.

⁴ ĠU C 481, 19.12.2022, p. 1.

⁵ ĠU C 64, 21.2.2023, p. 15.

⁶ ĠU C 109, 24.3.2023, p. 69.

Artikolu 1

Is-Sur Santiago CUERVO ESCOBAR huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, minflok is-Sur Nicolas KELLER, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President

=====